MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Numru. 57/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joseph Xerri**

Kaz Numru: 57/2013

Illum 29 ta’ Mejju, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Xerri**, bin Paul u Annunziata neé Camilleri, imwieled fit-23 ta’ Marzu 1984, residenti fil-fond Maga Court, Joseph, Triq il-Ven. Adeodata Pisani, Qala, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 16484(G), akkuzat talli nhar il-

25 ta' Dicembru 2012 ghall-habta ta' 23:10 hrs fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex:

1. hebb ghal Marilyn Borg I.D. 98699M u kkagunalha offiza ta' natura hafifa skont kif iccertifika Dr. Teddy George Farrugia MD tal-Isptar Generali ta' Ghawdex;

2. kif ukoll bhala ufficjal pubbliku (suldat) jew impjegat pubbliku ghamel reat li kellu d-dmir li jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu id-dmir li jimpedixxi li jsir.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 kif ukoll mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat.

Rat l-Artikoli ndikati.

Semghet lill-imputat jammetti l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant jirrizulta li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, il-kwerelanta, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, irrinzunjat ghal dak li huwa rinunzjabbli u ghazlet li ma tixhidx fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni (cioé it-tieni wahda).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta' provi, wara li rat Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mija u hamsin ewro (€150.00).

*In oltre*, il-Qorti, wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf ewro (€1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Marilyn Borg. Fic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax raguni

valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------